**QORTI CIVILI**
**PRIM’AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta’ Marzu, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 422/2019 AF**

**Grace armla ta’ Joseph Vella bint Leone Cassar u Felicia nèe Cassar imwielda z-Zejtun u toqghod iz-Zejtun**

**Catherine mart Fredrick Enriquez bint Angelo Vella u Angela nèe Cassar imwielda z-Zejtun u toqghod Hal Tarxien, Miriam Padovani Ginies imwielda z-Zejtun u toqghod il-Fgura u Alfred imwieled iz-Zejtun u joqghod Haz-Zebbug, ahwa Vella ulied Angelo Vella u Angela nèe Cassar**

**Rita mart John Mary Cutajar bint Joseph u Giovanna nèe Lanzon imwielda z-Zejtun u toqghod iz-Zejtun flimkien ma’ Evelyn Borg imwielda z-Zejtun u toqghod Haz-Zabbar li qed jidhru kemm f’isimhom proprju kif ukoll bhala kuraturi ta’ huhom interdett Lawrence *sive* Leo Cassar imwieled iz-Zejtun u joqghod id-Dar tal-**

**Providenza, s-Siggiewi, u dan kif awtorizzat mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet datat 5 ta' Frar 2019 in segwitu tar-rikors 190/2019, ilkoll ulied Giuseppe u Giovanna nèe Lanzon, u b'verbal tal-Qorti tas-16 ta' Jannar 2023, gie ordnat li l-atti tal-kawza jghaddu f'isem Rita Cutajar, Ian Borg u Mark Borg wara l-mewt ta' Leon Lawrence Cassar u Evelina Borg**

**David Cassar bin Carmelo u Inez nèe Bonnici mwieled Marsaxlokk u joqghod iz-Zejtun, Tarcisio Cassar u Suor Mary Grace fis-seklu Gemma u Rose Cassar legalment separata minn Michael Bonello ulied Carmelo u Inez nèe Bonnici mweldin Marsaxlokk u joqoghdu l-Iklin, Birkirkara u Marsaxlokk u Josephine Cassar mart Saviour Cassar bint Carmelo Cassar u Inez nèe Bonnici mwielda Marsaxlokk u toqghod Hal Tarxien u Maria mart Pio Dalli bint Carmelo Cassar u Inez nèe Bonnici mwielda Marsaxlokk u toqghod is-Swieqi**

**Horace Theuma mwieled iz-Zejtun u joqghod iz-Zejtun, Antonia armla minn Charles Tabone mwielda z-Zejtun u toqghod iz-Zejtun, Mary mart Tarcisio Zammit mwielda z-Zejtun u toqghod iz-Zejtun, Frances mart John Gauci mwielda z-Zejtun u toqghod l-Awstralja ilkoll ulied Daniel Theuma u Maria Assunta nèe Cassar (bint Maria Grazia Cassar)**

**Mikelina armla minn Louis Bonnici mwielda z-Zejtun u toqghod iz-Zejtun**

**Mary armla minn Charles Tabone mwielda z-Zejtun u toqghod Haz-Zebbug u ulied zewgha Joseph Tabone mwieled il-Pietà u joqghod Haz-Zebbug, Silvio Tabone mwieled il-Pietà u joqghod Haz-Zebbug, Mark Tabone mwieled il-Pietà u joqghod Haz-Zebbug, Robert Tabone mwieled il-Pietà u joqghod Haz-Zebbug**

**Lara Ann Gafà mwielda San Giljan u toqghod iz-Zejtun, Michael Gafà mwieled H'Attard u joqghod iz-Zejtun, Paul Gafà mwieled H'Attard u joqghod iz-Zejtun Grezzju Degabriele mwieled Haz-Zabbar u joqghod iz-Zejtun, Raymond Cumbo mwieled il-Pietà u joqghod iz-Zejtun**

**Joseph Bianco mwieled u joqghod Hal Qormi, Mary Grace Bianco mwielda u toqghod Marsaskala, Raymond Bianco mwieled u joqghod Hal Kirkop, Giovanni *sive* Ivan Bianco, ilkoll ulied Anthony u Carmena nèe Farrugia**

**vs**

**L-Avukat Graziella Tanti u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tal-4 ta' Marzu 2020 gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil:**

**Frances Bianco bint Giuseppe Bianco u Maria nèe Cassar li maghha ma hemmx kuntatt**

**Colin Bianco iben Charles Bianco li mieghu ma hemmx kuntatt**

**Mary Camilleri, Francis Cassar, Joseph Cassar, Teresa Gatto, Doris Cauchi li maghhom ma hemmx kuntatt**

**Alison, Gillian, Paola u Douglas ahwa Anderson, ilkoll ulied Olympia Anderson, li maghhom ma hemmx kuntatt**

**Mary Rose Reis, Rita Sammut, Jane Cassar Woods, Georgia Bartolo u Angela Villafranca, ilkoll ulied Angelo Cassar li maghhom ma hemmx kuntatt**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atturi kollha, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-partijiet huma s-sidien tal-fond ossia dar bin-numru hmistax **(15) gia numru tnax (12) Sqaq San Bastjan fi Triq il-Kbira, Zejtun** bl-arja libera tieghu, soggett ghal piz annwu ta' hamsa u sebghin centezmu, altrimenti liberu u frank fl-istat attwali tieghu, bil-pussess battal bil-gustijiet, drittijiet u pertinenzi kolllha tieghu.

Il-fond *de quo* gie akkwistat minn **Francesco u Evangelista mizzewgin Cassar** bis-sahha ta att ippubblikat min-Nutar Lorenzo Cassar tas-sittax ta Dicembru elf disa mija u sitta kif korrett b'att tan-Nutar Arthur Leone Ganado tat-tlieta u ghoxrin ta Novembru elf disa mija u erbgha u ghoxrin.

Francesco Cassar miet fit-tletin ta Ottubru elf disa mija u hamsa u tletin (30.10.1935) bla testment u wirtuh uliedu Maria (26.7.78), Felicita, (19.10.76) Guseppa, (17.9.64) Maria Grazia, Vincenza (26.12.63) u Maria (ta' Bianco) in kwantu ghal sest indiviz kull wahda. Vincenza mart Salvatore Cassar bieghet lil hutha Maria Consiglia, Felicita Cassar, Guseppa Bugeja u Maria Bianco u lin-neputija Maria Assunta Thewma bint Maria Grazia mart Leone Cassar, sehemha, cioè sest indiviz, mill-wirt ta missierha Francesco Cassar bis-sahha ta att ippubblikat min-Nutar Giovanni Vella tas-sitta ta April elf disa mija u sitta u tletin (06.04.1936). Ghaldaqstant Maria Consiglia, Felicita Cassar, Guseppa Bugeja u Maria Bianco u lin-neputija Maria Assunta Thewma bint Maria Grazia mart Leone Cassar kellhom kwint indiviz cioè decima parti tal-imsemmi nofs indiviz tal-fond mill-wirt ta missierhom.

Evangelista Cassar mietet fit-tmienja u ghoxrin ta' Novembru elf disa mija u erbgha u hamsin (28.11.1954) u ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tal-hamsa ta' Ottubru elf disa' mija u tmienja u tletin (05.10.1938) fejn halliet werrieta universali taghha lil uliedha Consiglia Fenech, Vincenza Cassar u Maria

Bianco u l-legittima lil uliedha Felicita Cassar u Guseppa Bugeja u lin-neputija Maria Assunta Thewma bint bintha Maria Grazia Cassar. Felicita Cassar, Guseppa Bugeja Maria Assunta Thewma kellhom dodicesima parti indiviza kull wahda u Consiglia Fenech, Vincenza Cassar u Maria Bianco kellhom kwart indiviz kull wahda tal-imsemmi nofs indiviz tal-fond mill-wirt ta ommhom cioè wahda minn erbgha u ghoxrin parti u ottav indiviz rispettivament.

Maria Consiglia mart Carmelo Fenech mietet fis-sitta u ghoxrin ta Lulju elf disa mija u tmienja u sebghin (26.7.78) bla ulied u ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tal-hamsa ta' Marzu elf disa mija u erbghin u sehemha ghadda fuq hutha l-ohra.

Felicita mart Filomeno sive Leone Cassar kellha erbat itfal cioè Carmelo, (15.1.13) Angela Vella,(31.7.08) Guseppi Vella (9.12.12) u l-venditrici Grace Vella. Carmelo li miet fil-hmistax ta Jannar elfejn u tlettax ghamel testment fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis tal-ewwel ta Marzu elf disa mija u tlieta u tmenin (01.03.1983) u halla lil martu bhala uzufruttwarja generali li mietet qablu u werrieta tieghu lil sitt uliedu cioè Gemma, Maria, Rosa, Josephine, David u Tarcisio ahwa Cassar. Angela Vella li mietet fil-wiehed u tletin ta Lulju u ghamlet testament fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit tal-erbgha u ghoxrin ta Jannar elfejn u tmienja kellha erbat itfal Anthony Vella, Miriam Padovani Ginies, Catherine Enriquez u Alfred. Guseppi miet fid-disgha ta Dicembru elfejn u tnax u ghamel testament fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tat-tmintax ta' Settembru elf disa mija u sitta u disghin. In forza tal-imsemmi testment, Giuseppe Cassar halla bhala werrieta universali lil uliedu kollha, cioè Rita mart John Mary Cutajar, Evelyn Borg u Lawrence sive Leo Cassar, f'ishma ndaqs bejniethom.

Guseppa mart Francesco Bugeja kellha zewgt ulied Carmena (li mietet qabel ommha fis-sebgha ta Jannar elf disa mija u tlieta u tletin) u Mary it-tnejn mizzewgin lil James Henry. Mary mart James Henry, Vivian li mietet fis-sitta u ghoxrin ta Marzu elf disa mija u sitta u tmenin (26.3.86) bla tfal u ghamlet testment fl-atti tan-Nutar George Cassar tas-sebgha ta April elf disa mija u tnejn u tmenin (07.04.1982). Il-werrieta taghha huma l-

imsemmija Carmelo, Angela, Grace u Guseppi, ulied l-imsemmija Felicita Cassar.

Maria Grazia *sive* Grazia li wkoll kienet mizzewga lil Filomeno *sive* Leone Cassar mietet fit-tlettax ta Awwissu elf disa mija u sbatax (13.08.1917) u kellha lil unika bint Maria Assunta Teuma li mietet fl-erbatax ta Frar elf disa mija u tnejn u tmenin li kellha lil erba' uliedha Horace, Mary Zammit, Frances Gauci u Antoinette Tabone.

Vincenza mart Salvatore Cassar bieghet lil hutha Maria Consiglia, Felicita Cassar, Guseppa Bugeja u Maria u lin-neputija Maria Assunta Thewma bint Maria Grazia mart Leone Cassar, sehemha, cioè sest indiviz, mill-wirt ta' missierha Francesco Cassar bis-sahha ta att ippubblikat min-Nutar Giovanni Vella tas-sitta ta April elf disa mija u sitta u tletin (06.04.1936). Hi ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri datat sebgha u ghoxrin ta Mejju elf disa mija u erbgha u erbghin (27.05.1944), kellha hames ulied Sylvia li mietet fl-ghoxrin ta Marzu elfejn u wiehed (20.3.01), Carmela li mietet fl-ewwel ta Marzu elf disa mija u sebgha u disghin, (01.03.97) Vincent, Angelo li mietu l-Istati Uniti u l-Awstralja rispettivament u Antonia li mietet xebba bla tfal fis-sitta ta' Ottubru elfejn u hamsa (06.10.2005) u ghamlet testment fl-atti tan-Nutara Vanessa Pool tas-sbatax ta' Lulju elfejn (17.07.2002) u halliet werrieta taghha lil Doris Brincat, Mary, Michelina Bonnici, Godwin Gafà, Monica Degabriele u Raymond Cumbo. Sylvia mart Filippo Gafà kellha erbat itfal, Doris Brincat (li mietet 16.2.11 bla tfal u ghamlet testment fl-atti tan nutar Carmel Mangion tas-sittax ta Marzu elfejn u disgha (06.03.2009) halliet werrieta taghha lit-tfal ta' Mary Tabone cioè Robert, Joseph, Silvio u Mark ahwa Tabone) Mary mart Carmelo Tabone, Mikelina mart Louis Bonnici u Godwin (li miet 26.12.92 u halla tlett ulied Paul, Michael u LaraAnn). Carmela mart John Cumbo kellha zewgt itfal Monica mart Grezzju Degabriele li mietet fit-tlettax ta Frar elfejn u hmistax (13.2.15) bla tfal u ghamlet testment fit-tnejn u ghoxrin ta Settembru elfejn u hdax (22.9.11) fl-atti tan-Nutar Reuben Debono u tan-Nutar Mark Anthony Sammut datati 15.5.08 u 27.5.08 u 02.10.2007 u wiritha zewgha Grezzju u huha Raymond. Vincent kellu sitt ulied Mary Camilleri, Francis, Joseph, Teresa Gatto, Doris Cauchi u Olympia mart Paul

Anderson li mietet u kellha erbat itfal Alison, Gillian, Paola u Douglas ahwa Anderson. Angelo kellu hames ulied MaryRose Reis, Rita Sammut, Jane Cassar Woods, Georgia Bartolo u Angela Villafranca. Id-dixxendenti kollha ta' Vincent u Angelo huma kollha assenti mill-Gzejjer Maltin.

Maria mart Guseppe Bianco li mietet fl-ghaxra ta Marzu elf disa mija u sitta u sebghin (10.03.1976) u ghamlet testament fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel tal-wiehed u tletin ta Marzu elf disa' mija u hamsa u sittin (31.03.1965) kellha lil Charles, Anthony u l-venditrici Frances Bianco. Charles Bianco kellu lil ibnu Colin li huwa assenti mill-Gzejjer Maltin; Anthony Bianco li miet fil-hdax ta Ottubru elf disa mija u tnejn u tmenin 11.10.1982) kellu lil Joseph, Giovanni *sive* Ivan, Mary Grace Bianco u Raymond.

L-ismha tal-partijiet kif ukoll il-valuri rispettivi taghhom jinsabu elenkati fil-prospett anness bhala "Dok B".

Ir-rikorrenti, li flimkien jikkostitwixxi maggoranza assoluta tal-ko-proprjetarji tal-fond *de quo* (circa 75% tal-ishma) jixtiequ jbieghu dan il-fond u dan kif jirrizulta ahjar mid-dikjarazzjoni annessa bhala "Dok C".

Il-proprjetà *de quo* ilha mizmuma in komuni ghal-perjodu li jeccedi bil-kbir it-tlett snin u hadd mill-ko-proprjetarji ma beda azzjoni quddiem Qorti jew xi Tribunal ghall-qsim ta' din il-proprjetà li hija mizmuma in komuni minnhom.

Ir-rikorrenti bejniethom qablu li din il-proprjetà ghandha tinbiegh lil Sonia Galea mara tad-dar bint il-mejjet James Ishmael u Henriette nèe Young mwielda Pieta 17.11.64 u toqghod Marsaskala b'karta tal-identità numru 581964M f'isimha proprju u f'isem Joseph Galea manager bin Alfred u Josephine nèe Pace mwieled Attard 5.11.63 u joqghod Marsaskala b'karta ta l-identità numru 649463M kif debitament awtorizzata, versu l-prezz liberament u bonarjament pattwit ta' tlieta u tmenin elf u hames mitt euro (€83,500) kif jirrizulta ahjar minn konvenju datat 7 ta' Lulju 2017 kif sussegwentament imgedded (Anness bhala "Dok D").

L-intimati u/jew ko-proprjetarji ohrajn verjuri mhux maghrufa ma jistghux jigu kkuntattjati stante li huma assenti mill-Gzejjer Maltin u kull kuntatt maghhom intilef u dan kif debitament ikkonfermat taht gurament minn Rita Cutajar (KI 581660M).

Il-prezz pattwit huwa wiehed gust u reali u li ma johloq ebda pregudizzju lill-intimati.  Ampja referenza ssir ghar-rapport u valutazzjoni maghmula mill-Perit Karys Schembri u annessi bhala "Dok E".

Ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors, sabiex dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-Art 495A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tawtorizza l-vendita tal-fond shih u dan anke minghajr il-firem tal-intimati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tordna li jsir il-bejgh tal-proprjetà li tinsab **numru (15) Sqaq San Bastjan fi triq il-Kbira, Zejtun** u dan skond il-pattijiet u kondizzjonijiet illi jirrizultaw mill-konvenju datat 7 ta' Lulju 2017 kif sussegwentement imgedded;

2. Tordna li l-att tat-trasferiment ghandu jigi ppublikat minn Nutar Pubbliku Dott. Joseph Tabone;

3. Tahtar Kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-intimati jew ko-proprjetarji ohrajn verjuri mhux maghrufa;

4. Tistabilixxi hin, jum u lok ghall-publikazzjoni tal-att tat-trasferiment.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposti tal-Kuraturi Deputati Dr. Graziella Tanti u PL Doreen Aquilina, li in forza taghha gie eccepit illi:

F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatt tal-kaz *de quo* u ghalhekk qed jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri u motivata flimkien ma' elenku ta' xhieda u ta' dokumenti fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz.

Madanakollu minghajr pregudizzju ghal prefiss, jintqal illi ghandu jigi prezentat id-dokument bir-rapport tal-perit u l-valutazzjoni imsemmi fir-rikors promotur stante illi Dok. E inkluz fil-lista tad-dokumenti tar-rikorrenti mhux dan ir-rapport imsemmi izda huwa kopja tal-estensjoni tal-konvenju li sar fuq il-fond in kwistjoni.  Tali rapport ghandu jigi pprezentat u kkonfermat bil-gurament mill-perit li hejjih.

Minghajr pregudizzju ghandu jigi stabbilit jekk il-prezz illi permezz tieghu kellu jsir il-bejgh huwiex prezz gust u skond il-valur kummercjali u kif ukoll li anke jkun hemm kundizzjonijiet tajbin u gusti ghas-sidien kollha sabiex jinbiegh il-post inkluz ghas-sidien mhux maghrufa u dana permezz anke ta' periti u/jew esperti nominati mill-Onorabbli Qorti jekk l-Onorabbli Qorti thoss li jkun il-htiega.

F'kaz illi l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-bejgh tal-fond in kwistjoni l-valur tas-sehem tal-proprjetà tas-sidien assenti ghandu jigi depozitat taht l-awtorità tal-Qorti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif digà riservati u kif ukoll b'riserva ta' lista ta' xhieda u lista ta' dokumenti meta l-esponenti jkunu edotti bil-fatti jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet xhieda viva voce tal-Perit Karys Schembri.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikors odjern nieda procedura skond l-Art. 495A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi ghall-bejgh ta' proprjetà immobbli fejn ma jkunx intlahaq qbil bejn is-sidien kollha.  Skond din il-procedura, l-Qorti tghaddi biex tawtorizza bejgh fuq talba tal-bicca kbira tas-sidien sakemm ma jkunx hemm zvantagg serju ghas-sidien minoritarji.

Ir-rekwiziti mposti bl-Art. 495A fuq citat gew elenkati minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha Abela vs Dr. Noel Bartolo noe et (30 ta' April 2018):

*"Il-kondizzjonijiet li jistghu jaghtu lok ghal din l-azzjoni minn qari ta' dawn is-subincizi huma s-segwenti:*

1. *Il-komunjoni tal-haga ghal aktar minn ghaxar snin bejn il-komproprjetarji kollha.*

2. *In-nuqqas ta' pendenza ta' azzjoni ghal qsim tal-proprjetà in kommun.*

3. *In-nuqqas ta' ftehim dwar il-bejgh ta' proprjetà partikolari bejn il-komproprjetarji kollha.*

4. *Ir-rieda tal-maggoranza tal-komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li jsir il-bejgh tal-istess proprjetà.*

5. *In-nuqqas ta' prejudizzju gravi tal-komproprjetarji li qed joggezzjonaw jekk il-bejgh tal-proprjetà ssir bil-kondizzjonijiet u pattijiet proposti mill-maggoranza tal-komproprjetarji."*

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li l-proprjetà ilha snin twal mizmuma in komuni bejn il-partijiet. Ma tirrizulta ebda kawza ta' qsim tal-proprjetà. Jezisti nuqqas ta' qbil tas-sidien kollha minhabba l-fatt li l-bicca kbira tas-sidien m'ghandhom ebda kuntatt mas-sidien l-ohra. Infatti minhabba f'hekk inhatru kuraturi biex jidhru ghalihom f'din il-procedura.

Finalment jidher mill-provi prodotti illi l-prezz miftiehem huwa wiehed reali u ma huwa ta' ebda pregudizzju ghas-sidien assenti. L-istima konfermata bil-gurament mill-Perit Karys Schembri ma giet kontestata b'ebda mod.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tawtorizza l-bejgh tal-fond 15, Sqaq San Bastjan fi Triq il-Kbira, Zejtun, skond il-konvenju tas-7 ta Lulju 2017;

2. Tordna li l-kuntratt jigi pubblikat min-Nutar Joseph Tabone fi zmien tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza;

3. Tahtar lill-Avukat Dr. Josette Grech biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att.

L-ispejjez inkluzi tal-kuraturi, jithallsu mill-partijiet kull wiehed skond is-sehem tieghu fil-proprjetà.

IMHALLEF

DEP/REG